KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fl-24 ta' Marzu 2011 [1]

I — Introduzzjoni

1. Stat Membru li ġabar taxxi bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, huwa obbligat, fil-prinċipju, li jirrimborsahom lill-kontribwent. Din ir-regola tirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita. Madankollu, għad għandu jiġi stabbilit jekk, skont id-dritt tal-Unjoni, il-persuna li finalment tkun sostniet il-piż finanzjarju tat-taxxa minħabba l-fatt li l-kontribwent ikun għaddieha fuqha, pereżempju, permezz tal-prezz tax-xiri, ikollhiex hija wkoll id-dritt li taġixxi direttament kontra l-Istat.

2. F'din il-kawża, il-Vestre Landsret Daniża talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għal din id-domanda. Il-Landsret hija mitluba tiddeċiedi fuq kawżi miftuħa kontra l-Ministeru tat-Teżor Daniż, li permezz tagħhom żewġ impriżi industrijali qegħdin jitolbu r-rimbors tad-dazji tas-sisa li d-Danimarka ġabret sax-xahar ta' Novembru 2001 fuq il-lubrikanti u żjut idrawliċi, minkejja li d-dritt tal-Unjoni kien jipprevedi eżenzjoni mid-dazju tas-sisa armonizzat għaż-żjut minerali li ma humiex użati bħala karburant tal-magni jew bħala karburant li jsaħħan. L-impriżi taż-żejt, li mingħandhom kien inġabar dan id-dazju tas-sisa, għaddew l-istess dazju fuq ir-rikorrenti permezz tal-prezz tal-akkwist.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-direttiva dwar id-dazju tas-sisa

3. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti [2] (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva dwar id-dazju tas-sisa") tistabbilixxi, permezz tal-Artikolu 1(1),

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 179.

l-arranġamenti għal prodotti suġġetti għad-dazji tas-sisa u taxxi indiretti oħra li huma imposti direttament jew indirettament mal-konsum ta' dawk il-prodotti, ħlief għat-taxxa fuq il-valur miżjud u t-taxxi stabbiliti mill-Komunità. Skont il-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni, id-dispożizzjonijiet partikolari li jirrelataw mal-istrutturi u r-rati ta' dazju fuq prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa għandhom jiġu stabbiliti f'direttivi speċifiċi.

4. L-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva dwar id-dazju tas-sisa jipprovdi dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tgħodd fil-livell tal-Komunità għall-prodotti li ġejjin kif definiti fid-Direttivi relevanti:

— żjut minerali,

— alkoħol u xorb alkoħoliku,

— tabakk maħdum.

2. Il-prodotti elenkati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu soġġetti għal taxxi oħra indiretti għal għanijiet speċifiċi, iżda dawk it-taxxi jkunu jikkonformaw mar-regoli ta' taxxa applikabbli għad-dazju tas-sisa u għall-għanijiet tal-VAT għal dak li għandu x'jaqsam ma' d-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa, il-kalkolu tat-taxxa, il-ħlas tat-taxxa u l-immonitorjar tat-taxxa".

2. Id-Direttiva dwar id-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali

5. L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali [3] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar id-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali") jipprovdi li l-Istati Membri għandhom japplikaw għaż-żjut minerali dazju tas-sisa armonizzat skont din id-direttiva.

6. L-Artikolu 8(1)(a) u (b) tal-imsemmija direttiva jipprovdi kif ġej:

"Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva 92/12/KEE dwar l-eżenzjoni ta' użu ta' prodotti suġġetti għas-sisa u bla ħsara għal dispożizzjonijiet Komunitarji oħra, l-Istati Membri għandhom jeżentaw il-prodotti li ġejjin mid-dazju tas-sisa armonizzat, skond il-kundizzjonijiet li huma jistabbilixxu bil-għan li jiżguraw l-applikazzjoni korretta u ċara ta' dawn l-eżenzjonijiet u li jipprevjenu l-frodi, l-evażjoni u l-abbużi:

(a) iż-żjut minerali intiżi għal użu differenti minn dak ta' karburant jew ta' karburant li jsaħħan

(b) żjut minerali forniti biex jintużaw bħala karburant għan-navigazzjoni bl-ajru minbarra s-safar turistiku privat" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

3 — ĠU L 316, p. 12.

B — *Id-dritt Daniż*

7. Fid-Danimarka, il-Liġi Nru 1029, tad-19 ta' Diċembru 1992, dwar it-tassazzjoni taż-żjut minerali (iktar 'il quddiem il-"Liġi THM"), stabbilixxiet dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti u ż-żjut idrawliċi.

8. Skont il-punt 12 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-liġi msemmija, fil-verżjoni tagħha li hija rilevanti għall-kawża prinċipali, il-lubrikanti u żjut idrawliċi (iktar 'il quddiem imsejħa flimkien "lubrikanti") ġie impost fuqhom dazju tas-sisa bir-rata ta' DKK 1.78 għal kull litru (iktar 'il quddiem "dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti").

9. Id-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti kellu jitħallas mill-impriżi taż-żejt. Waqt l-introduzzjoni tad-dazju tas-sisa, l-ispjegazzjoni tar-raġunijiet wara l-Liġi THM kienet tippreċiża b'mod partikolari li:

"L-impriżi taż-żejt jistgħu probabbilment jgħaddu dan id-dazju tas-sisa fuq ħaddieħor. Il-parti l-kbira taż-żjut suġġetti għal dan id-dazju tas-sisa tintuża minn impriżi li għandhom diversi modi kif jgħaddu l-istess dazju fuq ħaddieħor".

10. Fl-ispjegazzjoni tar-raġunijiet, ġie ppreċiżat ukoll li dan id-dazju tas-sisa kellu "jikkontribwixxu biex jippromwovi użu iktar raġonevoli tal-prodotti taż-żjut, ħaġa li jkollha effett pożittiv fuq l-ambjent".

11. Filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni s-sentenza Braathens [4], id-Danimarka neħħiet id-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti permezz tal-Liġi Nru 395 tas-6 ta' Ġunju 2002, b'effett retroattiv mill-1 ta' Diċembru 2001. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddikjarat, f'dak li jikkonċerna t-taxxa għall-protezzjoni tal-ambjent li nġabret mill-Isvezja fuq il-konsum tal-karburant fit-traffiku tal-ajru kummerċjali intern, li jekk l-Istati Membri jitħallew jolqtu b'taxxa indiretta oħra prodotti li huma eżentati mid-dazju tas-sisa armonizzat, dan ineħħi kull effett utli tal-Artikolu 8(1)(b) tad-Direttiva dwar id-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali. Għaldaqstant, tali taxxa ma setgħetx tkun ibbażata fuq l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar id-dazju tas-sisa.

12. Jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari li, fil-kuntest tal-eżami tal-abbozz ta' liġi, il-Ministru tat-Teżor Daniż spjega lill-Kummissjoni tal-Finanzi ta' Folketing [5] li ma għandu ebda dubju dwar l-inkompatibbiltà tad-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti mad-dritt tal-Unjoni.

13. Wara li ġiet adottata din il-liġi, l-amministrazzjoni doganali u tat-taxxi ppubblikat linji gwida dwar it-talbiet għar-rimbors tad-dazju tas-sisa li kien inġabar illegalment (ċirkulari Nru 80 tal-Ministeru tat-Teżor, tal-15 ta' Lulju 2002, dwar ir-rimbors tad-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti, eċċ). Dwar il-kwistjoni tal-benefiċjarji

4 — Sentenza tal-10 ta' Ġunju 1999 (C-346/97, Ġabra p. I-3419).
5 — Il-Parlament Daniż.

tad-dritt għar-rimbors, dawn il-linji gwida kienu jippreċiżaw fil-punt 3.1 li:

"Għandhom dritt għar-rimbors, fl-ewwel livell tad-distribuzzjoni, l-impriżi li għandhom jitqiesu li għandhom dritt minħabba t-tħassir tal-liġi. Dawn huma impriżi li ħallsu t-taxxa u ma għaddewhiex fuq il-klijenti tagħhom.

Il-kwistjoni tar-rimbors lil operaturi ekonomiċi oħra għandha tkun irregolata skont il-prinċipji ġenerali tar-responsabbiltà amministrattiva".

III — Il-fatti u d-domandi preliminari

14. Danfoss A/S (iktar 'il quddiem "Danfoss") tipproduċi tagħmir għat-tkessiħ, għall-produzzjoni tas-sħana u għall-awtomazzjoni għall-industrija. Hija tuża lubrikanti kemm waqt il-produzzjoni ta' dan it-tagħmir kif ukoll fit-teknika tat-trażmissjoni, sabiex tevita li jisħnu żżejjed jew li jitħassru r-roti tal-magni u l-partijiet li jaqtgħu.

15. Hija xtrat lubrikanti biex jintużaw b'dan il-mod bejn l-1 ta' Jannar 1995 u t-30 ta' Novembru 2001 mingħand diversi kumpanniji taż-żejt Daniżi li ħallsu lill-Istat Daniż dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti skont il-Liġi THM.

16. Ma hemmx dubju li l-kumpanniji taż-żejt għaddew fuq Danfoss id-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti li jolqot lil-lubrikanti mixtrija minn Danfoss. L-ammont tela' għal DKK 6 108 054.

17. Danfoss biegħet parti mil-lubrikanti lil Sauer-Danfoss Aps (iktar 'il quddiem "Sauer-Danfoss") li użat ukoll dawn iż-żjut fil-proċess tal-produzzjoni tagħha.

18. Fil-proċeduri prinċipali, Danfoss spjegat li d-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti kien jirrappreżenta ammont ta' DKK 1 686 096 mill-prezz tal-lubrikanti mibjugħa lil Sauer-Danfoss. Apparti dan il-bejgħ lil Sauer-Danfoss, jirriżulta mill-affermazzjonijiet ta' Danfoss u ta' Sauer-Danfoss li l-ebda waħda minn dawn il-kumpanniji ma għaddiet id-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti lill-impriżi fl-istadji sussegwenti tal-kummerċjalizzazzjoni.

19. Il-kumpanniji taż-żejt ma talbu ebda rimbors tad-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti għal-lubrikanti mibjugħa lil Danfoss.

20. Min-naħa l-oħra, Danfoss u Sauer-Danfoss talbu mingħand l-awtoritajiet fiskali r-rimbors tal-ammonti li jammontaw rispettivament għal DKK 6 108 054 u DKK 1 686 096.

21. L-ammont li ngħadda fuq Sauer-Danfoss huwa inkluż fl-ammont mitlub minn Danfoss. Iż-żewġ impriżi ftiehmu li jekk Danfoss tikseb l-ammont kollu mitlub, hija kellha tħallas lil Sauer-Danfoss l-ammont ta' DKK 1 686 096, li għandha f'dak il-każ tirtira t-talba tagħha kontra l-Ministeru. Għaldaqstant, it-talba ppreżentata minn din tal-aħħar quddiem il-Ministeru hija ta' natura sussidjarja meta mqabbla ma' dik ta' Danfoss.

22. L-awtoritajiet fiskali ċaħdu r-rimbors mitlub. Abbażi tar-raġunijiet allegati, huma sostnew li ma kien hemm ebda dritt għar-rimbors, u dan peress li l-impriżi ma ħallsu ebda dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti direttament lill-Istat, u li, konsegwentement, id-dritt għar-rimbors kellu jiġi evalwat skont il-kundizzjonijiet ġenerali tar-responsabbiltà taħt id-dritt Daniż. Issa, dawn il-kundizzjonijiet ma kinux sodisfatti.

23. Fuq il-bażi tar-responsabbiltà, l-awtoritajiet fiskali sostnew li, għall-perijodu li jwassal sas-sentenza Braathens, li ppreċiżat ir-relazzjoni bejn id-Direttiva dwar id-dazju tas-sisa u d-Direttiva dwar id-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali, l-inkompatibbiltà tad-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti mad-dritt tal-Unjoni ma kinitx daqshekk ċara f'dak l-istadju b'mod li l-ġbir ta' din it-taxxa kien jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat. Għal dak li jikkonċerna l-perijodu sussegwenti għas-sentenza msemmija, għandu jiġi kkunsidrat li d-dannu li sofriet il-persuna, li tiġi wara l-kontribwent fil-katina ta' distribuzzjoni, ma ġiex ikkonstatat. Fil-fatt, għall-Istat, huwa impossibbli li jipprevedi f'liema stadju fil-katina ta' distribuzzjoni d-dannu jkun ser iseħħ.

24. Fil-15 ta' Marzu u fl-4 ta' Mejju 2005, Danfoss u Sauer-Danfoss ippreżentaw għalhekk ilmenti kontra l-iSkatteministerium quddiem il-Vestre Landsret, li bihom huma talbu r-rimbors tal-ammonti inkwistjoni. Il-Vestre Landsret iddeċiediet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

1. Id-dritt [tal-Unjoni] jipprekludi lil Stat Membru milli jiċħad talba għal rimbors ta' impriża, li ġie mgħoddi lilha dazju tas-sisa impost kontra direttiva, fejn tali ċaħda, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża preżenti, hija bbażata fuq l-argument li ma hijiex l-impriża li ħallset id-dazju lill-Istat?

2. Id-dritt [tal-Unjoni] jipprekludi lil Stat Membru milli jiċħad talba għal kumpens għad-danni ta' impriża, li ġie mgħoddi lilha dazju tas-sisa impost kontra direttiva, fejn tali ċaħda, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża preżenti, hija bbażata fuq argumenti invokati mill-Istat Membru (speċifikament, li l-impriża ma hijiex il-parti li sofriet id-danni direttament u li ma hemmx rabta kawżali bejn kwalunkwe danni u l-imġiba li ħolqot ir-responsabbiltà)?

25. Fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ppartećipaw Danfoss, Sauer-Danfoss, il-Gvern Daniż, Spanjol, Taljan, Pollakk, u Svediż, il-Gvern tar-Renju Unit kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea; il-Gvern Spanjol u l-Gvern Pollakk ippreżentaw biss osservazzjonijiet bil-miktub u l-Gvern Svediż għamel biss sottomissjonijiet orali.

A — *Fuq l-ewwel domanda*

27. Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf essenzjalment jekk, meta Stat Membru jkun ġabar taxxa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u l-persuna taxxabbli tkun għaddiet dik it-taxxa fuq il-klijenti tagħha, il-klijent jistax, skont id-dritt tal-Unjoni, jitlob direttament mingħand l-Istat ir-rimbors tal-ammont li jikkorrispondi għal dik it-taxxa.

IV — Kunsiderazzjonijiet

28. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li bħala prinċipju, l-Istati Membri huma obbligati jirrimborsaw it-taxxi u imposti oħra miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni [6].

26. Għandu jiġi kkonstatat, b'mod preliminari, li ż-żewġ domandi preliminari għandhom finalment l-istess għan: l-impriżi li jkunu fis-sitwazzjoni ta' Danfoss u ta' Sauer-Danfoss għandhom, skont id-dritt tal-Unjoni, id-dritt li jitolbu direttament mingħand l-Istat il-ħlas ta' ammont li jikkorrispondi għad-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti li l-Istat ikun ġabar mingħand kumpanniji taż-żejt bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u li dawn tal-aħħar ikunu għaddew fuq l-imsemmija impriżi? Madankollu, iż-żewġ domandi huma differenti fir-rigward tal-bażi legali. Filwaqt li l-ewwel domanda tirrigwarda d-dritt għall-ħlas lura fis-sens ta' rimbors, it-tieni waħda tirrigwarda d-dritt li jista' jkun hemm għad-danni. Konsegwentement, id-domandi jeħtieġ li jiġu ttrattati b'mod separat.

29. Skont formulazzjoni klassika tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt li jinkiseb ir-rimbors ta' taxxi miġbura fi Stat Membru bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta minn u jikkomplementa d-drittijiet mogħtija

6 — F'dan is-sens, ara l-ewwel nett is-sentenzi tas-27 ta' Frar 1980, Just (68/79, Ġabra p. 501, punti 25 sa 27); tas-27 ta' Marzu 1980, Denkavit italiana (61/79, Ġabra p. 1205, punti 22 sa 27); tad-9 ta' Novembru 1983, San Giorgio (199/82, Ġabra p. 3595, punt 12) u mbagħad, espressament, *inter alia*, is-sentenzi tal-14 ta' Jannar 1997, Comateb *et* (C-192/95 sa C-218/95, Ġabra p. I-165, punt 20); tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et* (C-397/98 u C-410/98, Ġabra p. I-1727, punt 84); tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 202); tat-28 ta' Jannar 2010, Direct Parcel Distribution Belgium (C-264/08, Ġabra p. I-731 punt 45). Ara, fuq dan is-suġġett, għalkemm fuq aspetti differenti, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón ippreżentati fis-7 ta' Diċembru 2010, Lady & Kid *et* (C-398/09, Ġabra p. I-7375) u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi tat-22 ta' Diċembru 2010, Accor (C-310/09, Ġabra p. I-8117, punti 53 *et seq*).

lill-individwi mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxu tali taxxi [7].

30. Individwu, f'dan is-sens, jikkorrispondi fi kwalunkwe każ għall-persuna taxxabbli kkonċernata stess. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li, skont id-dritt tal-Unjoni, din tal-aħħar, bħala prinċipju, għandha dritt kontra l-Istat għar-rimbors tat-taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni [8].

31. Skont il-ġurisprudenza, l-obbligu tar-rimbors tal-Istat fil-konfront tal-persuna taxxabbli għandu biss eċċezzjoni waħda li għandha, barra minn hekk, tiġi interpretata b'mod restrittiv. Għaldaqstant, Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrimborsa persuna taxxabbli meta huwa jikkonstata li l-piż fiskali kollu ngħadda fuq terza persuna u li r-rimbors ta' dan tal-aħħar iwassal sabiex din tagħmel arrikkiment indebitu, fatt li għandu jiġi stabbilit [9].

32. Sa issa għadha ma ngħatatx risposta għad-domanda dwar jekk, f'din is-sitwazzjoni fejn it-taxxa tkun ġiet mgħoddija fuq ħaddieħor, id-dritt għar-rimbors kontra l-Istat ikunx tal-persuna taxxabbli, jew inkella biss tal-persuna li fuqha tkun għaddiet it-taxxa u li, minnaħa tagħha, ma kinitx f'pożizzjoni li terġa' tgħaddiha lil ħaddieħor (iktar 'il quddiem imsejħa, għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, il-"konsumatur finali"). Mill-ġurisprudenza jistgħu jiġu dedotti, madankollu, elementi differenti li jikkontribwixxu sabiex tingħata risposta għal din id-domanda.

1. L-interess tal-konsumatur finali għar-rimbors, liema interess għandu jiġi protett

33. Fis-sentenza Comateb *et* [10], il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat espressament il-possibbiltà li l-konsumatur finali jkun jista' jikseb, direttament mingħand l-awtoritajiet nazzjonali, ir-rimbors tal-ammont ta' taxxa mhux dovuta li huwa jkun sostna. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat dan il-punt b'mod purament ipotetiku biss, fejn il-kwistjoni tar-rimbors lill-persuna taxxabbli ma tqumx bħala tali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma esprimietx ruħha fir-rigward tal-punt dwar jekk u taħt liema kundizzjonijiet il-konsumatur finali għandu, taħt id-dritt nazzjonali jew id-dritt tal-Unjoni, jkollu dritt ta' dan it-tip, li jkun jista' jinvokah direttament kontra l-Istat.

7 — Sentenzi San Giorgio (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 12), Comateb *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 20), Metallgesellschaft *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 84), Test Claimants in the FII Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 202) u Direct Parcel Distribution Belgium (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 45).

8 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, li jikkonċernaw il-każijiet kollha fejn il-persuna taxxabbli stess titlob ir-rimbors, l-istess bħas-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 1988, Deville (240/87, Ġabra p. 3513, punt 11) u tat-2 ta' Ottubru 2003, Weber's Wine World *et* (C-147/01, Ġabra p. I-11365, punti 93 sa 95).

9 — Sentenzi Just (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 26), tal-21 ta' Settembru 2000, Michaïlidis (C-441/98 u C-442/98, Ġabra p. I-7145, punt 33) u Weber's Wine World *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 94 u 102). Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fil-kawża Lady & Kid *et*, iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, l-Avukat Ġenerali Cruz Villalón jindika ġustament, fil-punti 34 u 44, li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet f'dak il-każ, eċċezzjoni ta' oriġini naturali, u jitlob biex jiġu aċċettati eċċezzjonijiet oħra, apparti l-każ tar-riperkussjoni (punti 35 *et seq*).

10 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 24.

34. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, fl-istess sentenza, li l-fatt li l-ammont tat-taxxa jiġi rimborsat lill-operatur, meta dan ikun għadda din it-taxxa fuq il-klijenti tiegħu, ikun ifisser li huwa jirċievi ħlas doppju li jista' jiġi kklassifikat bħala arrikkiment indebitu, *mingħajr ma jkunu ġew irrimedjati l-konsegwenzi tal-illegalità tat-taxxa għall-klijenti tal-persuna taxxabbli* [11]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, għaldaqstant, li t-taxxa li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni tista' tbatiha persuna li tkun differenti mill-persuna taxxabbli, u li jeħtieġ li l-ammont tat-taxxa jitħallas lura fil-patrimonju ta' dik il-persuna l-oħra.

35. Din il-ħtieġa toħroġ ukoll min-natura ġenerali tat-taxxi indiretti. Fil-fatt, l-istess taxxi indiretti jolqtu l-ispejjeż jew il-konsum, u huma kkaratterizzati bil-fatt li l-piż finanzjarju marbut magħhom jista' jiġi mgħoddi lill-konsumatur finali u huwa dan li jbatih [12]. L-istess japplika għad-dazju tas-sisa Daniż fuq il-lubrikanti inkwistjoni f'din il-kawża. L-ispjegazzjoni tar-raġunijiet wara l-abbozz ta' liġi li introduċiet dan id-dazju tas-sisa kienet tippreċiża espressament li l-impriżi taż-żejt kienu probabbilment ser ikunu jistgħu jgħaddu dan id-dazju tas-sisa fuq ħaddieħor. L-inċentiv biex isir użu iktar raġonevoli tal-prodotti taż-żjut, kif mixtieq mill-Istat Daniż, jippreżumi wkoll, fuq livell loġiku, li t-taxxa tingħadda u li l-prodott taż-żejt jogħla fil-prezz għall-persuna li tikkunsmah.

36. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tittratta l-kwistjoni ta' jekk tingħaddiex jew le taxxa indiretta, f'kull każ partikolari, bħala li tikkostitwixxi kwistjoni ta' fatt, minħabba li l-mogħdija effettiva, parzjali jew totali, li tiddependi minn diversi fatturi marbuta ma' kull operazzjoni kummerċjali [13], ma taffettwax din il-karatteristika partikolari tat-taxxi indiretti. Hija tillimita ruħha biex tippreċiża li, fir-rigward tal-persuna taxxabbli, l-Istat ma jistax jibbaża ruħu fuq preżunzjoni li t-taxxa tkun ser tingħadda sabiex jiċħad talba għar-rimbors magħmula mill-persuna taxxabbli fuq il-bażi li rimbors iwassal għal arrikkiment indebitu tal-istess persuna taxxabbli.

37. Barra minn hekk għandu jiġi kkunsidrat li l-konsumatur finali, li fuqu tkun ingħaddiet it-taxxa indiretta miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni bħalma huwa d-dazju tas-sisa fuq il-lubrikanti applikat fid-Danimarka, jikkostitwixxi, huwa wkoll, individwu li għandu drittijiet taħt id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxu l-ġbir ta' dik

11 — Sentenza Comateb *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 22, enfasi bil-korsiv miżjuda).

12 — F'dan is-sens ukoll huma l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs tas-17 ta' Marzu 2005, Banca popolare di Cremona (C-475/03, Ġabra p. I-9373, punt 35).

13 — Sentenzi tal-25 ta' Frar 1988, Les Fils de Jules Bianco u Girard (331/85, 376/85 u 378/85, Ġabra p. 1099, punti 17 u 20), Comateb *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 25 sa 27) u Weber's Wine World *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 96 *et seq*).

it-taxxa. Anki dan għandu jkun jista' jikseb ir-rimbors tat-taxxa li tkun ingħaddiet lilu.

40. Għal dak li jikkonċerna lill-parti obbligata fil-konfront tal-konsumatur finali, id-drittijiet tal-konsumatur finali li "jirriżulta[w] minn u jikkomplementa[w]" id-dritt tal-Unjoni jistgħu sewwasew ikunu differenti minn dawk li l-persuna taxxabbli għandha.

2. Fuq il-konsegwenzi li jirriżultaw mill-protezzjoni meħtieġa

41. Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat issa jekk hux possibbli li jiġi dedott mill-ġurisprudenza dwar id-dritt għar-rimbors tal-persuna taxxabbli, xi elementi li bihom il-konsumatur finali jkun jista' huwa wkoll jikseb tali rimbors direttament mingħand l-Istat. Għal dan il-għan, għandha titfittex qabel xejn il-portata eżatta li l-ġurisprudenza tat lid-dritt għar-rimbors tal-persuna taxxabbli.

38. Madankollu, ikun prematur li mill-interess li jimmerita protezzjoni ta' rimbors lill-konsumatur finali, li fuqu tkun ingħaddiet it-taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, jiġi konkluż li skont id-dritt tal-Unjoni, dak il-konsumatur għandu jkollu dritt għar-rimbors li jkun jista' jinvokah direttament kontra l-Istat. Fil-fatt, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, b'kuntrast ma' dak li japplika għall-persuna taxxabbli, li loġikament ma tistax ħlief iddur fuq l-Istat, il-konsumatur finali jista' jaġixxi kontra l-persuna taxxabbli minflok l-Istat.

(a) Il-portata eżatta tad-dritt għar-rimbors tal-persuna taxxabbli

42. Skont il-ġurisprudenza, l-Istat għandu jirrimborsa lill-persuna taxxabbli mhux biss it-taxxa indebitament miġbura, iżda wkoll l-ammonti mħallsa lil dan l-Istat jew miżmuma minnu li għandhom rabta diretta ma' din it-taxxa [15].

39. Għaldaqstant, għal dak li jikkonċerna lill-persuna taxxabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li jekk il-konsumatur finali jista', permezz tal-persuna taxxabbli, jikseb ir-rimbors tal-ammont ta' taxxa li tkun ingħaddiet lilu, dik il-persuna taxxabbli għandha, min-naħa tagħha, tkun tista' tikseb ir-rimbors tal-istess ammont mill-Istat [14]. Jekk dan hu l-każ, il-mogħdija tal-ammont ma jwassalx, fil-fatt, għal sitwazzjoni ta' arrikkiment indebitu tal-persuna taxxabbli minħabba r-rimbors.

14 — Sentenza Comateb *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 24).

15 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tinkludi f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, it-telf ekonomiku li tkun sofriet il-persuna taxxabbli minħabba l-ġbir prematur ta' taxxa li minnha nnifisha ma tmurx kontra d-dritt tal-Unjoni, fejn l-inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ma tirriżultax, konsegwentement, minn din l-eżiġibbiltà prematura. F'dan il-każ, l-għoti tal-interessi jirrappreżenta r-rimbors ta' dak li kien imħallas indebitament. Fuq dan il-punt, ara s-sentenzi Metallgesellschaft *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 87 sa 89), Test Claimants in the FII Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 205) u tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 112) u d-digriet tat-23 ta' April 2008, Test Claimants in the CFC and Dividend Group Litigation (C-201/05, Ġabra p. I-2875, punt 114).

(i) Il-kriterju tal-konsegwenza inevitabbli

43. Id-dritt għar-rimbors ma jinkludix, madankollu, l-iżvantaġġi li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet stess tal-persuna taxxabbli u li ma jikkostitwixxux, min-naħa tagħhom, konsegwenza inevitabbli ta' att ta' Stat Membru li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni [16]. Dan il-kriterju tal-konsegwenza inevitabbli baqa' xi ftit flessibbli fil-ġurisprudenza u, sa fejn wieħed jista' jara, sallum ġie applikat biss f'kuntest fiskali speċifiku ħafna [17]. Huwa intiż manifestament li jifred l-ammonti li jistgħu jintalbu fil-kuntest tad-dritt għar-rimbors rikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni, minn dawk li ma jistgħux jintalbu "ħlief" fil-kuntest ta' talba għall-kumpens għad-danni bbażata wkoll fuq id-dritt tal-Unjoni, u suġġetta għal kundizzjonijiet iktar stretti [18].

16 — Sentenzi Test Claimants in the FII Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 207) u Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 113) u d-digriet Test Claimants in the CFC and Dividend Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 115).

17 — La l-eżenzjonijiet jew il-vantaġġi fiskali l-oħra li għalihom tkun irrinunzjat il-kumpannija residenti biex tkun tista' timputa t-taxxa kollha li tkun inġabret indebitament fuq ammont dovut bħala taxxa oħra u lanqas l-ispejjeż minfuqa mill-kumpanniji ta' dak il-grupp biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma jistgħu jkunu kkumpensati permezz ta' kawża għar-rimbors ibbażata fuq id-dritt Komunitarju (ara l-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16).

18 — Ara, fuq dan is-suġġett, is-sentenza Test Claimants in the FII Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti.207 sa 209).

(ii) Dritt għar-rimbors minkejja li l-ammont ikun ingħadda

44. Madankollu, skont il-ġurisprudenza, id-dritt għar-rimbors jinkludi, tal-inqas indirettament, id-dannu li l-persuna taxxabbli tkun sofriet minħabba l-fatt li hija tkun għaddiet it-taxxa fuq il-klijenti tagħha billi inkludietha fil-prezz u ż-żieda fil-prezz involva tnaqqis fil-volum tal-bejgħ. Dan hu dak li jirriżulta mill-affermazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-imsemmija eċċezzjoni għall-obbligu ta' rimbors tal-Istat.

45. Skont din l-eċċezzjoni, Stat Membru ma jistax jopponi għar-rimbors ħlief jekk ikun ġie kkonstatat mill-awtoritajiet nazzjonali li l-piż kollu tat-taxxa jkun ġie sostnut minn persuna li ma hijiex il-persuna taxxabbli u r-rimbors tat-taxxa jwassal għall-arrikkiment indebitu ta' din tal-aħħar [19]. F'dan il-każ, skont il-ġurisprudenza, ma jkunx hemm arrikkiment indebitu tal-persuna taxxabbli jekk din issofri dannu ekonomiku marbut mat-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ tagħha [20]. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat f'dan ir-rigward li l-fatt li taxxa tingħadda fuq terza persuna ma jinnewtralizzax neċessarjament l-effetti ekonomiċi tat-taxxa fuq il-persuna taxxabbli. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li t-taxxa tingħadda fuq ħaddieħor ma jfissirx li r-rimbors tat-taxxa jwassal għal arrikkiment indebitu tal-persuna taxxabbli u

19 — Sentenzi Just (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 26), Michaïlidis (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 33) u Weber's Wine World *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 94).

20 — Sentenza Comateb *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 29 *et seq*), Michaïlidis (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punti 34 *et seq*) u Weber's Wine World *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 95 u 98 *et seq*).

li, konsegwentement, għandu jinċaħad lilha d-dritt għar-rimbors [21].

(iii) Konsegwenzi għal dritt li jista' jkun hemm għar-rimbors tal-konsumatur finali

46. Sabiex nipprova nislet xi konsegwenzi, ibbażati fuq il-karatteristiċi msemmija tad-dritt għar-rimbors tal-persuna taxxabbli taħt id-dritt tal-Unjoni, dwar il-kwistjoni ta' jekk tali dritt jistax, bħala prinċipju, jingħata wkoll lill-konsumatur finali, għandhom jiġu evalwati b'mod kritiku, fl-ewwel lok, il-karatteristiċi msemmija.

47. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li r-rikonoxximent tad-dritt għar-rimbors minkejja li t-taxxa tkun ingħaddiet lil ħaddieħor ma jkunx kompatibbli mal-"kriterju tal-konsegwenza inevitabbli" [22] ħlief jekk ma jiġix ikkunsidrat li d-dannu li jirriżulta mit-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ jikkostitwixxi konsegwenza inevitabbli li tirriżulta mill-ġbir tat-taxxa mill-Istat minkejja d-deċiżjoni intermedjarja tal-impriża li tgħaddi t-taxxa lil ħaddieħor. Jidher li dan huwa, tal-inqas, dubjuż.

48. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni tmur kontra l-ġurisprudenza li tgħid li l-kwistjoni ta' meta tingħadda jew ma tingħaddiex it-taxxa f'kull każ ta' taxxa indiretta hija kwistjoni ta' fatt, u dan minħabba li l-mogħdija effettiva, parzjali jew totali, tiddependi minn diversi fatturi marbuta ma' kull operazzjoni kummerċjali [23].

49. Konsegwentement, tqum bilfors il-kwistjoni dwar jekk id-dritt għar-rimbors jikkostitwixxix effettivament mod xieraq sabiex tali dannu jiġi kkumpensat. Jidher li huwa iktar raġonevoli li l-kumpens għal dawn id-danni jkun suġġett għad-dritt dwar ir-responsabbiltà, jiġifieri r-regoli li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet fil-qasam tar-responsabbiltà tal-Istati Membri għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni.

50. Fl-aħħar nett, il-kumpens għad-dannu, li jingħata permezz tad-dritt għar-rimbors, għandu wkoll konsegwenzi fuq il-kwistjoni dwar kif għandhom jiġu eliminati l-konsegwenzi ekonomiċi li jkun hemm fuq il-konsumatur finali minħabba l-ġbir tat-taxxa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

51. Fil-fatt, jekk minkejja l-mogħdija tat-taxxa li tkun inġabret bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, il-persuna taxxabbli jkollha d-dritt għar-rimbors tat-taxxa msemmija, peress li

21 — Ara s-sentenza Weber's Wine World *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 101 *et seq*).

22 — Fuq dan is-suġġett, ara l-punt 43 iktar 'il fuq.

23 — Sentenzi Les Fils de Jules Bianco (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punti 17 sa 20), Comateb *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, puni 25 sa 27) u Weber's Wine World *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 96 *et seq*).

hija tkun sofriet dannu ekonomiku marbut mat-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ — tal-istess ammont, għall-finijiet ta' dan l-eżempju — ir-rimbors mill-Istat ikollu l-effett li jissodisfa u jeżawrixxi dan id-dritt. F'din is-sitwazzjoni, il-konsumatur finali ma jibqax ikun jista' jeżerċita b'suċċess it-talba tiegħu għar-rimbors mingħand il-persuna taxxabbli. Fil-fatt, l-ammont li l-persuna taxxabbli tkun kisbet mill-Istat huwa intiż, fil-prattika, li jikkumpensa d-dannu tagħha u jibqa' f'idejha. Il-persuna taxxabbli lanqas ma tkun tista' tassenja dan id-dritt lill-konsumatur finali, f'każ li ma jingħatalhiex dritt supplimentari ieħor għar-rimbors li fil-prattika għandu jissostitwixxi t-taxxa nnifisha. F'dak il-każ, id-destinatarju naturali tat-talbiet tal-konsumatur finali għandu jkun, minflok, l-Istat innifsu.

52. B'mod globali, il-ġurisprudenza attwali dwar il-portata tad-dritt għar-rimbors tal-persuna taxxabbli tippreżenta elementi li jimmilitaw kemm favur u kif ukoll kontra l-possibbiltà li l-konsumatur finali jingħata huwa azzjoni diretta għal rimbors ta' dan it-tip.

53. Jekk jiġi aċċettat li l-persuna taxxabbli tista', permezz tad-dritt għar-rimbors, tikseb ukoll kumpens għad-danni li jirriżultaw mit-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ, jistgħu għaldaqstant jirriżultaw sitwazzjonijiet, bħalma hija dik li għadha kif issemmiet, fejn ikun l-Istat biss li jibqa' jiġi kkunsidrat bħala l-persuna li kontra tagħha l-konsumatur finali jista' jaġixxi. Għaldaqstant isegwi li għandu jiġi rrikonoxxut il-kriterju tal-konsegwenza inevitabbli anki f'dak li jikkonċerna t-tnaqqis tal-patrimonju tal-konsumatur finali. Fil-fatt, jekk għandu jiġi kkunsidrat li minkejja d-deċiżjoni tal-persuna taxxabbli stess sabiex tgħaddi t-taxxa lil ħaddieħor, id-dannu msemmi, sostnut minn din tal-aħħar, jikkostitwixxi konsegwenza inevitabbli tal-ġbir tat-taxxa mill-Istat, it-tnaqqis tal-patrimonju tal-konsumatur finali, marbut mal-fatt li tkun ingħaddiet it-taxxa, ma huwiex inqas inevitabbli.

54. Min-naħa l-oħra, jekk wieħed japplika l-kriterju tal-konsegwenza inevitabbli skont it-tifsira tiegħu, ikollu jiġi kkonstatat li dan ma huwiex osservat f'dak li jikkonċerna lill-konsumatur finali. Fil-fatt, il-mogħdija tat-taxxa ma hijiex sistema awtomatika, u hija bbażata fl-aħħar mill-aħħar fuq deċiżjoni meħuda mill-persuna taxxabbli bħala imprenditur. B'din l-interpretazzjoni restrittiva, in-natura tad-dritt għar-rimbors li jista' jiġi rrikonoxxut lill-persuna taxxabbli timmilita kontra li jingħata dan id-dritt lill-konsumatur finali.

55. Dawn l-elementi kuntrarji jwasslu għall-konklużjoni li mill-ġurisprudenza attwali dwar il-portata tad-dritt għar-rimbors tal-persuna taxxabbli ma jista' jiġi dedott ebda kriterju deċiżiv dwar mingħand min, bħala

prinċipju, għandu jkun jista' l-konsumatur finali jeżiġi r-rimbors. Madankollu, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività jipprovdu elementi oħra.

(b) Rikors dirett kontra l-Istat skont il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività

56. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tat-talbiet ta' ħlas lura tat-taxxi li jkunu nġabru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, hija s-sistema legali interna ta' kull Stat Membru li għandha tipprovdi għall-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jsiru dawn it-talbiet, liema kundizzjonijiet għandhom iħarsu l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [24]. Għaldaqstant, huma la għandhom ikunu inqas vantaġġjużi mill-kundizzjonijiet simili dwar il-ħlas lura li huma bbażati fuq dispożizzjonijiet tad-dritt intern u lanqas għandhom ikunu implementati b'mod li jagħmlu prattikament impossibbli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [25].

57. Fost dawn il-kundizzjonijiet hemm, fl-ewwel lok, l-identifikazzjoni tal-qrati kompetenti u l-organizzazzjoni tal-kawżi, jiġifieri r-regoli proċedurali [26]. Madankollu, f'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tat ukoll lill-Istati Membri, tal-inqas parzjalment, ir-responsabbiltà li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet sostantivi [27].

58. Il-kwistjoni dwar fuq min jaqa' l-obbligu hija kwistjoni sostantiva. F'dak li jikkonċerna l-persuna taxxabbli, it-tweġiba għal din il-mistoqsija tingħata mid-dritt tal-Unjoni stess: l-obbligu jaqa' fuq l-Istat. Fil-kuntest ta' din ir-relazzjoni bejn żewġ persuni, ma hemm ħadd iktar li hu involut. F'dak li jikkonċerna, min-naħa l-oħra, lill-konsumatur finali, il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, kif ġie kkonstatat, japplikaw ukoll għall-kwistjonijiet sostantivi u jipprovdu tweġiba parzjali.

59. Fil-fatt, f'każ li, kif jidher li Danfoss u Sauer-Danfoss qegħdin jippretendu, id-dritt Daniż jagħti lill-konsumatur finali, li

24 — Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2005, MyTravel (C-291/03, Ġabra p. I-8477, punt 17) u tal-15 ta' Marzu 2007, Reemtsma Cigarettenfabriken (C-35/05, Ġabra p. I-2425, punt 37).

25 — Sentenzi Weber's Wine World *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 103), MyTravel (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 17), Reemtsma Cigarettenfabriken (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 37), u Direct Parcel Distribution Belgium (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 46).

26 — Sentenzi Just (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 25), Metallgesellschaft *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 85), Weber's Wine World *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 103), Test Claimants in the FII Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 203) u Direct Parcel Distribution Belgium (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 46).

27 — Sentenzi Denkavit italiana (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 22), San Giorgio (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 12) u Metallgesellschaft *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 86); ara wkoll, fir-rigward tar-responsabbiltà extra kuntrattwali tal-Istati Membri minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, Ġabra p. I-5357, punti 42 u 43), tal-10 ta' Lulju 1997, Palmisani (C-261/95, Ġabra p. I-4025, punt 27), tas-17 ta' April 2007, AGM-COS.MET (C-470/03, Ġabra p. I-2749, punt 86) u tal-24 ta' Marzu 2009, Danske Slagterier (C-445/06, Ġabra p. I-2119, punt 31).

fuqu tkun għaddiet it-taxxa miġbura bi ksur tad-dritt Daniż, id-dritt li jikseb ir-rimbors direttament mingħand l-Istat, il-prinċipju ta' ekwivalenza jitlob li tali dritt irid jingħata wkoll f'każ li t-taxxi jkunu nġabru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

60. Barra minn hekk, jekk ir-rimbors jirriżulta li jkun impossibbli jew eċċessivament diffiċli fil-każ fejn il-konsumatur finali jkollu jdur kontra l-persuna taxxabbli, il-prinċipju ta' effettività jista' għaldaqstant jitlob li l-konsumatur finali jingħatalu d-dritt li jdur direttament kontra l-Istat. Dan hu dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Reemtsma għall-każ fejn prestatarju ta' servizz jitlob, bi żball, mingħand il-klijent tiegħu l-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud, li huwa mbagħad jgħaddiha lill-Istat u sussegwentement isir insolventi [28]. Din is-soluzzjoni tapplika *a fortiori* meta l-iżball ikun imputabbli mhux lill-prestatarju jew lill-bejjiegħ, iżda lill-Istat stess. F'każ li l-persuna taxxabbli tkun insolventi, il-prinċipju ta' effettività jista' għaldaqstant jeżiġi li l-konsumatur finali jingħata d-dritt li jitlob ir-rimbors direttament mingħand l-Istat.

61. F'dan ir-rigward, il-prinċipju ta' effettività jeżiġi wkoll li dan id-dritt ikun effettivament, min-natura tiegħu stess, dritt għar-rimbors. Fil-fatt, l-eżerċizzju min-naħa tal-konsumatur finali tad-drittijiet tiegħu jkun eċċessivament diffiċli jekk huwa jkun irid jissodisfa, pereżempju, il-kundizzjonijiet iktar stretti li japplikaw, skont il-ġurisprudenza, għat-talbiet għall-kumpens għad-danni bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni [29]. Barra minn hekk, huwa diffiċli li wieħed jifhem għaliex, f'dik is-sitwazzjoni, l-Istat għandu jkun jista' jinħeba wara dawn il-kundizzjonijiet iktar stretti għall-eżerċizzju ta' dritt. Fil-fatt, huwa l-Istat li sa dak il-ħin ikun arrikka ruħu bl-ammont ta' taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, u hija biss kwistjoni li dan l-ammont jiġi rrimborsat lill-persuna li tkun finalment sostniet il-piż ekonomiku.

62. Jekk id-dritt nazzjonali ma jagħtix id-dritt għar-rimbors lill-konsumatur finali li jkun assuma l-piż ekonomiku tat-taxxa, u dan la kontra l-Istat u lanqas kontra l-persuna taxxabbli, il-prinċipju ta' effettività jitlob madankollu li tal-inqas ikun hemm wieħed minn dawn iż-żewġ drittijiet għar-rimbors. Fil-fatt, dan il-prinċipju jobbliga lill-Istati Membri biex jipprovdu l-istrumenti u r-regoli proċedurali neċessarji biex il-konsumatur finali jkun jista' jirkupra t-taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni [30]. F'dan il-każ, tipprevali wkoll l-idea li jekk il-konsumatur finali jiġi obbligat jindirizza t-talbiet tiegħu għall-kumpens għad-danni kontra l-Istat, din

28 — Sentenza Reemtsma Cigarettenfabriken (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 41).

29 — Fuq dan is-suġġett, ara s-sentenza Test Claimants in the FII Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 207 sa 209).

30 — F'dan is-sens, is-sentenza Reemtsma Cigarettenfabriken (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 41); ara wkoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1), TUE.

is-sitwazzjoni ma tkunx tosserva l-grad ta' protezzjoni mitlub mid-dritt tal-Unjoni.

63. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat, bħala konklużjoni parzjali, li l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività jistgħu jservu ta' bażi għal talba għar-rimbors tal-konsumatur direttament kontra l-Istat.

c) Nuqqas ta' rekwiżiti ulterjuri taħt id-dritt tal-Unjoni

64. Peress li mill-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività ma jirriżulta ebda dritt għall-konsumatur finali biex jaġixxi direttament kontra l-Istat, wieħed għandu jżomm mar-regola ġenerali li tipprovdi li fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tat-talbiet ta' ħlas lura ta' taxxi li jkunu nġabru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jipprovdi għall-kundizzjonijiet li taħthom dawn it-talbiet jistgħu jsiru [31].

65. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Denkavit italiana [32], osservat espressament li l-garanzija tad-drittijiet li l-effett dirett tal-projbizzjoni kontra l-ġbir ta' ċerti taxxi jagħti lill-individwi, ma tesiġix neċessarjament li l-kundizzjonijiet proċedurali u sostantivi, li r-rimbors jista' jkun meħtieġ jissodisfa, ikunu ispirati minn prinċipju uniformi u komuni għall-Istati Membri. L-istess u *a fortiori* huwa applikabbli fil-każ ta' persuna "li jaqa' taħt it-tieni livell" li fuqu l-persuna taxxabbli tkun għaddiet taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

66. Fil-fatt għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, kif il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat diversi drabi, l-Istati Membri għandhom soluzzjonijiet differenti għall-problema tar-rimbors ta' taxxi indebitament imħallsa u anki, fl-istess Stat Membru, jista' jkollok iktar minn soluzzjoni waħda skont id-diversi tipi ta' taxxi inkwistjoni. Filwaqt li f'ċerti każijiet, it-talbiet għar-rimbors ta' taxxi jaqgħu taħt id-dritt amministrattiv, f'każijiet oħra, huma jaqgħu taħt id-dritt ċivili u jkollhom josservaw b'mod partikolari r-regoli dwar il-ħlas lura tal-ħlas indebitu [33]. Jekk, apparti l-każijiet fejn il-prinċipju ta' effettività jkun jeżiġih [34], ma jittiħdux inkunsiderazzjoni dawn ir-regoli xi ftit kumplessi u, skont id-dritt tal-Unjoni, il-konsumatur finali jingħata dritt ġenerali għar-rimbors li l-istess

31 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24.

32 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 22.

33 — Ara s-sentenzi Just (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punti 23 *et seq*), tas-17 ta' Novembru 1998, Aprile (C-228/96, Ġabra p. I-7141, punt 17) u tas-17 ta' Ġunju 2004, Recheio - Cash & Carry (C-30/02, Ġabra p. I-6051, punt 16).

34 — Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' ekwivalenza jwassal mhux biex iwaqqa' l-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda preċiżament biex jagħmilha tapplika għall-każijiet fejn it-taxxi jkunu nġabru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

konsumatur jista' jinvoka direttament kontra l-Istat, mingħajr ma l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jista' jiddefinixxi b'mod iktar preċiż il-kuntest ġuridiku ta' dak id-dritt, iktar jistgħu jqumu problemi milli soluzzjonijiet. Wieħed jista' jipprevedi wkoll li, għal dawk li huma spejjeż moderati li jirrigwardaw il-ħajja ta' kuljum, huwa ħafna aħjar għall-konsumatur finali li jkun jista' jittratta mal-persuna l-oħra milli jkollu joqgħod idur kontra l-Istat.

67. Konsegwentement, id-dritt intern u, jekk ikun il-każ, il-qrati nazzjonali għandhom jippreċiżaw jekk il-persuna li fuqha l-persuna taxxabbli tkun għaddiet taxxa nazzjonali, li tkun inġabret minn Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, tistax titlob ir-rimbors tal-ammont tat-taxxa direttament mingħand l-Istat jew, bħala prinċipju, biss mingħand il-persuna taxxabbli jew ukoll, jekk hija tistax tagħżel bejn dawn iż-żewġ soluzzjonijiet, bl-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività.

68. Dan ir-riżultat jikkorrispondi wara kollox għas-soluzzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tat fis-sentenza Reemtsma Cigarettenfabriken [35] għall-każijiet fejn fornitur ta' servizz, bi żball, jitlob lill-klijent tiegħu biex iħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud u li l-istess fornitur iħallas lill-Istat. Minkejja li l-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-Istat hija differenti skont jekk tkunx l-impriża li bi żball titlob lill-klijent tagħha taxxa li ma hijiex dovuta jew l-Istat stess li jiġbor, bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, taxxa li sussegwentement tingħadda fuq ħaddieħor, ma huwiex meħtieġ li d-dritt għar-rimbors tal-persuni li jbatu l-piż ekonomiku tat-taxxa jiġi suġġett għal regoli differenti. Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi ggarantit biss li l-persuna kkonċernata tkun tista' tikseb ir-rimbors tal-ammonti miġbura indebitament mill-Istat, kemm jekk b'mod direttt kif ukoll indirett.

69. Madankollu, fil-proċedura tal-kawża prinċipali, il-prinċipju ta' effettività jista' jeżiġi li jiġi aċċettat li r-rimbors jista' jinkiseb direttament mill-Istat, ħaġa li finalment għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, il-Gvern Daniż iddikjara, fir-rigward tas-sitwazzjoni legali tad-Danimarka, li l-konsumatur finali ma għandux dritt li jikseb ir-rimbors direttament mingħand l-Istat. Danfoss u Sauer-Danfoss, min-naħa l-oħra, sostnew li, skont id-dritt Daniż, il-konsumatur finali lanqas ma seta' jeżiġi rimbors mingħand il-persuna taxxabbli. Mistoqsi fuq dan il-punt waqt is-seduta, il-Gvern Daniż ikkonferma, f'dan ir-rigward, li l-eżistenza ta' dan id-dritt kienet inċerta fir-rigward tad-dritt Daniż. Jekk, skont id-dritt Daniż, il-konsumatur finali ma jistax, fil-prattika, jitlob ir-rimbors tal-ammont tat-taxxa b'mod direttt jew

35 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punti 37 *et seq.*

indirett, l-eżerċizzju tad-drittijiet minnaħa tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali jkun eċċessivament diffiċli jekk dan ikun finalment suġġett għall-possibbiltà li jiksbu r-rimbors mingħand il-kumpanniji taż-żejt, possibbiltà li għad trid tiġi kkonfermata legalment u li għalissa għadha inċerta, u jekk il-kawżi tagħhom kontra l-iSkatteministeriet jinċaħdu minħabba din ir-raġuni.

3. Konklużjoni

70. Għaldaqstant, għandha tingħata risposta għall-ewwel domanda fis-sens li huwa l-ordinament ġuridiku intern u, jekk ikun il-każ, il-qrati nazzjonali, li għandhom jippreċiżaw jekk il-persuna li fuqha l-persuna taxxabbli tkun għaddiet it-taxxa nazzjonali li tkun inġabret minn Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, tistax titlob ir-rimbors tal-ammont tat-taxxa direttament mingħand l-Istat jew, bħala prinċipju, mingħand biss il-persuna taxxabbli jew ukoll, jekk hija tistax tagħżel bejn dawn iż-żewġ soluzzjonijiet, bl-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività.

B — *Fuq it-tieni domanda preliminari*

71. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq essenzjalment tkun taf jekk, meta Stat Membru jkun ġabar dazju tas-sisa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u l-persuna taxxabbli tkun għaddiet dan id-dazju fuq il-klijent tagħha, it-talba ta' dan l-istess klijent għall-kumpens għad-danni magħmula kontra l-Istat tistax tinċaħad minħabba li rabta kawżali diretta bejn il-ġbir tat-taxxa u d-dannu tal-klijent hija *a priori* eskluża.

72. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li l-Istati Membru huma, bħala prinċipju, responsabbli għad-danni kkawżati lill-individwi minn ksur tad-dritt tal-Unjoni li huwa imputabbli lilhom [36].

73. Id-dritt għal kumpens għad-danni huwa suġġett għal tliet kundizzjonijiet, jiġifieri li r-regola tad-dritt tal-Unjoni li nkisret għandha bħala għan li tagħti drittijiet lill-persuni leżi, li l-ksur ta' din ir-regola huwa suffiċjentement serju, u fl-aħħar nett, li teżisti rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-dannu subit

36 — Sentenzi Francovich *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 35), tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du Pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, Ġabra p. I-1029, punt 31), Danske Slagterier (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 27), tas-26 ta' Jannar 2010, Transportes Urbanos y Servicios Generales (C-118/08, Ġabra p. I-635, punt 29), tal-25 ta' Novembru 2010, Fuß (C-429/09, Ġabra p. I-12167, punt 45) u tad-9 ta' Diċembru 2010, Combinatie Spijker Infrabouw-De Jonge Konstruktie *et* (C-568/08, Ġabra p. I-12655, punt 87).

mill-individwi [37]. Id-domanda preliminari tirrigwarda din it-tielet kundizzjoni.

74. Ċertament, bħala prinċipju, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw jekk fil-fatt teżistix rabta kawżali diretta bejn il-ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lill-Istat u d-dannu subit mill-individwi [38]. Għandu jiġi ppreċiżat, minn naħa waħda, li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', sabiex tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli, tagħtiha l-indikazzjonijiet li hija tiddeċiedi li jkunu neċessarji [39] u li, min-naħa l-oħra, din hija inqas kwistjoni ta' fatt milli ta' dritt. Fil-fatt għandu jiġi ppreċiżat jekk il-kundizzjoni marbuta mar-rabta kawżali diretta għandhiex tinftiehem f'sens daqshekk restrittiv li, kif jindika b'mod partikolari l-Gvern Daniż, hija tista' tiġi sodisfatta biss f'dak li jikkonċerna lill-persuna taxxabbli, u mhux il-persuna li fuqha l-persuna taxxabbli tkun għaddiet id-dazju tas-sisa miġbur bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

75. L-ewwel nett għandu jiġi kkonstatat li, fil-każ ineżami, ir-rabta kawżali bħala tali ma tqajjem ebda dubju. Kieku d-dazju tas-sisa ma kienx inġabar, ir-rikorrenti fil-proċeduri tal-kawża prinċipali ma kinux isofru d-dannu invokat, li jikkonsisti fl-ammont ta' taxxa li l-kumpanniji taż-żejt għaddew fuqhom.

76. In-natura diretta tar-rabta kawżali ma għandhiex tinftiehem b'mod assolut; għall-kuntrarju, skont il-ġurisprudenza, huwa biżżejjed li r-rabta kawżali tkun "diretta biżżejjed" [40]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet din il-preċiżazzjoni b'riferiment għall-ġurisprudenza tagħha dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni [41], qasam li għalih japplikaw essenzjalment l-istess tliet kundizzjonijiet bħal dawk li jirrigwardaw ir-responsabbiltà tal-Istati Membri minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni [42]. Huwa possibbli wkoll li minn din il-ġurisprudenza jiġi dedott li l-kriterju marbut man-natura "diretta biżżejjed" huwa intiż b'mod partikolari biex jipprekludi li jiġi kkumpensat kull dannu, anki jekk imbiegħed [43]. Peress li ma hemmx l-intenzjoni li l-kunċett tan-natura diretta jiġi estiż iżżejjed billi tiżdied il-kelma "biżżejjed", wieħed jista', għaldaqstant, jitkellem

37 — Sentenzi Brasserie du Pêcheur u Factortame (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punt 51), Danske Slagterier (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 20) u Transportes Urbanos y Servicios Generales (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punt 30).

38 — Sentenzi Brasserie du Pêcheur u Factortame (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punt 65), tal-15 ta' Ġunju 1999, Rechberger *et* (C-140/97, Ġabra p. I-3499, punt 72), AGM-COS.MET (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 83) u Fuß (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punti 48 u 59).

39 — Sentenzi tat-18 ta' Jannar 2001, Stockholm Lindöpark (C-150/99, Ġabra p. I-493, punt 38) u tat-18 ta' Ġunju 2009, Stadeco (C-566/07, Ġabra p. I-5295, punt 43).

40 — Sentenzi Test Claimants in the FII Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, punt 218) u Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 122).

41 — Sentenza tal-4 ta' Ottubru 1979, Dumortier *et* vs Il-Kunsill (64/76, 113/76, 167/78, 239/78, 27/79, 28/79 u 45/79, Ġabra p. 3091, punt 21).

42 — Sentenza Brasserie du Pêcheur u Factortame (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punt 53).

43 — Sentenza Dumortier *et* vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 41, punt 21).

sempliċement fuq rabta kawżali stretta. Madankollu, il-kunċett ta' "rabta kawżali diretta" huwa tant stabbilit fil-ġurisprudenza li, fil-kuntest tal-argumenti li jsegwu, jien ser nibqa' nirreferi għal dan il-kunċett u għall-interpretazzjoni wiesgħa li ngħatatlu.

77. Il-gvern Daniż isostni li, b'riferiment għall-prinċipji tad-dritt Daniż dwar ir-responsabbiltà, huwa biss "dak li jkun sofra d-dannu b'mod direct" li jista' jkollu dritt għall-kumpens, filwaqt li l-persuna li fuqha ngħaddiet it-taxxa miġbura indebitament ma tappartjenix għal din il-kategorija. Id-dannu ta' dik il-persuna jiddependi, min-naħa l-oħra, fuq serje sħiħa ta' ċirkustanzi bħalma huma l-politika tal-prezz tal-persuna taxxabbli, kif ukoll il-politika tal-prezz tagħha stess, l-użu speċifiku tal-prodotti suġġetti għat-taxxa u s-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni. Iktar minn hekk, il-kwistjoni dwar min, finalment, ser ibati l-piż ekonomiku hija diffiċilment prevedibbli u hija wkoll inċerta.

78. F'dan il-każ, dan il-kriterju marbut mal-persuna "li tkun sofriet id-dannu b'mod direct" ma jsibx ġustifikazzjoni taħt id-dritt tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, skont il-ġurisprudenza stabbilita, it-tliet kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 73 iktar 'il fuq, li fosthom hemm ir-"rabta kawżali diretta biżżejjed" huma biżżejjed sabiex jiġi stabbilit favur individwi dritt għal kumpens [44]. Huwa biss reċentement li l-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat espressament li l-Istati Membri ma kinux awtorizzati jistabbilixxu kundizzjonijiet supplimentari [45].

79. Il-kriterju msemmi mill-Gvern Daniż jikkostitwixxi fl-aħħar mill-aħħar kundizzjoni supplimentari, li fl-istess ħin hija bbażata fuq kunċett iktar strett ta' kawżalità. Fil-fatt, dan il-kriterju jwassal biex iċaħħad, b'mod sistematiku u mingħajr ebda eżami speċifiku, lill-persuni li kellhom ibatu l-piż ekonomiku tat-taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, mid-dritt għall-kumpens stabbilit taħt id-dritt tal-Unjoni u li, minħabba dan il-fatt, l-istess persuni jsofru dannu ċar. L-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni u l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet rikonoxxuti mid-dritt tal-Unjoni, li dan id-dritt għall-kumpens huwa intiż li jiggarantixxi [46], ikunu konsiderevolment ippreġudikati f'każ li jkun hemm tali limitazzjoni ġenerali taċ-ċirku ta' persuni li jista' jkollhom dritt.

44 — Sentenzi Francovich *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 41), AGM-COS.MET (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 85) u Fuß (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punt 65).

45 — Sentenza Fuß (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punt 66).

46 — F'dan is-sens, ara s-sentenzi Francovich *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27, punt 33), Brasserie du Pêcheur u Factortame (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punt 52) u tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, Ġabra p. I-10239, punt 33).

80. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li d-dannu li sofra l-konsumatur finali ma jista' bl-ebda mod jitqies bħala konsegwenza mbiegħda tal-ġbir tat-taxxa. Kif diġà ġie indikat fil-kuntest tal-ewwel domanda preliminari, it-taxxi indiretti huma kkaratterizzati bil-fatt li l-persuna li tbati l-piż ekonomiku ma hijiex il-persuna taxxabbli, iżda l-konsumatur finali; din hija r-raġuni għaliex huwa l-konsumatur finali li finalment isofri d-dannu. Essenzjalment, id-dannu li jiġi trażmess fil-katina tal-operaturi huwa l-istess wieħed. L-ammont tiegħu jibqa' l-istess, u dan jirrendih prevedibbli u kalkolabbli għall-Istat. Is-sempliċi fatt li l-persuna taxxabbli setgħet tirrinunzja milli tgħaddi t-taxxa permezz taż-żieda fil-prezz u li l-persuna realment milquta rrinunzjat ukoll milli tgħaddi t-taxxa ma huwiex biżżejjed la biex jevita r-rabta kawżali bejn il-ġbir tat-taxxa u d-dannu u lanqas biex tneħħi b'mod awtomatiku n-natura diretta biżżejjed ta' dik ir-rabta kawżali fis-sens tal-ġurisprudenza.

81. Il-fatt li ċ-ċirku ta' persuni li jistgħu jitolbu kumpens ma jkunx iddefinit mill-ewwel, ma jaffettwax il-possibbiltà li jkun hemm rabta kawżali diretta. Effettivament, il-fatt li għadd mhux definit ta' persuni jistgħu jipprevalixxu ruħhom mill-kwalità tagħhom ta' persuni li għandhom dritt, ma jistax jeskludi d-dritt għall-kumpens irrikonoxxut taħt id-dritt tal-Unjoni [47]. Mill-bqija, għalkemm iċ-ċirku tal-persuni effettivament milquta ma jkunx jista' jkun magħruf minn qabel daqs kemm jista' jkun magħruf dak tal-persuni taxxabbli, huwa jista', madankollu, jkun iddefinit b'mod preċiż *ab initio*. Dan jirrigwarda l-persuni li fuqhom tingħadda t-taxxa u li, min-naħa tagħhom, ma jistgħux jgħadduha huma wkoll.

82. L-eżami ta' qasam ieħor taħt id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tar-responsabbiltà jikkonferma li taħt dan id-dritt il-limitazzjoni tal-persuna "direttament milquta" ma hijiex skont kif tirriżulta fid-dritt Daniż. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fis-sentenza Manfredi [48], f'dak li jikkonċerna l-projbizzjoni ta' akkordji taħt id-dritt tal-Unjoni, li kull persuna għandha d-dritt li titlob kumpens għal dannu subit meta jkun hemm rabta kawżali bejn l-imsemmi dannu u l-akkordju pprojbit.

83. Konsegwentement, meta Stat Membru jkun ġabar dazju tas-sisa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u l-persuna taxxabbli tkun għaddiet dak id-dazju fuq il-klijent tagħha, id-dritt għall-kumpens ta' dan tal-aħħar kontra l-Istat ma jistax jinċaħad minħabba li r-rabta kawżali diretta bejn il-ġbir tat-taxxa u d-dannu tal-klijent hija eskluża *a priori*.

47 — F'dan is-sens, is-sentenza Brasserie du Pêcheur u Factortame (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 36, punt 71).

48 — Sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et* (C-295/04 sa C-298/04, Ġabra p. I-6619, punt 61).

V — Konklużjoni

84. Għalhekk nissuġġerixxi li għad-domandi preliminari tal-Vestre Landsret tingħata risposta fit-termini segwenti:

1) Huwa l-ordinament ġuridiku intern u, jekk ikun il-każ, il-qrati nazzjonali li għandhom jippreċiżaw jekk il-persuna li fuqha l-persuna taxxabbli tkun għaddiet it-taxxa nazzjonali, li tkun inġabret minn Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, tistax teżiġi r-rimbors tal-ammont tat-taxxa direttament mingħand l-Istat jew, bħala prinċipju, biss mingħand il-persuna taxxabbli jew ukoll, jekk hija tistax tagħżel bejn dawn iż-żewġ possibbiltajiet, bl-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività.

2) Meta Stat Membru jkun ġabar dazji tas-sisa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u l-persuna taxxabbli tkun għaddiet dak id-dazju fuq il-klijent tagħha, id-dritt għall-kumpens ta' dak il-klijent kontra l-Istat ma jistax jinċaħad minħabba li r-rabta kawżali diretta bejn il-ġbir tat-taxxa u d-dannu tal-klijent hija eskluża *a priori*.